## Id-Djarju tal-Parroċċa – Novembru 2015

| | |
|---|---|
| Il-Ħadd 1 ta' Novembru | **Solennità tal-Qaddisin kollha**<br>Inqaddsu dan il-jum bis-smiegħ tal-quddies. |
| It-Tnejn 2 ta' Novembru | **L-Għid tal-Imwiet** - Niftakru u nitolbu għal ħutna l-mejtin.<br>Il-Quddies ikun fil-ħinijiet ta' matul il-ġimgħa:<br>Filgħodu - 7:00am u 7:45am.<br>Filgħaxija - 6:30pm - Quddiesa li fiha niftakru b'mod partikulari f'ħutna li mietu matul din is-sena. |
| It-Tlieta 3 ta' Novembru | Fis-6:30pm - Quddiesa b'suffraġju tas-Saċerdoti mejtin. |
| L-Erbgħa 4 ta' Novembru | Fis-6:30pm - Quddiesa b'suffraġju tal-Fratelli mejtin: Rużarju u Sagrament. |
| Il-Ġimgħa 6 ta' Novembru | **L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**<br>Filgħodu - Tqarbin tal-Morda fi djarhom<br>Fis-6:30pm - Quddiesa<br>Fis-7:00pm - Adorazzjoni |
| Il-Ħadd 8 ta' Novembru | Fl-4:00pm - Quddies u Tberik taċ-Ċimiterju. |
| Il-Ħadd 22 ta' Novembru | **Solennità ta' Kristu Sultan** |
| Il-Ħamis 26 ta' Novembru | Fis-7:15pm - Laqgħa tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali fl-Uffiċċju Parrokkjali. |
| Il-Ħadd 29 ta' Novembru | **L-Ewwel Ħadd tal-Avvent**<br>Fit-8:15am - Quddiesa li fiha jsir it-Tberik tal-Girlanda li ser tgħinna biex nippreparaw ruħna għall-Miġja ta' Ġesù. |



**Twieldu mill-ġdid bil-Magħmudija**
Edin Ellul, Diaz Borda, Luca Busuttil



***Daħlu fil-ħajja ta' dejjem***
Paola Zammit
Vincent Cutajar

Disinn u Stampar: Veritas Press, Zabbar. Tel: 21 822 270



# PARROĊĊA KONVERŻJONI TA' SAN PAWL ĦAL SAFI

Tel: 21649223



*Messaġġ tal-Kappillan*

## IS-SENA TAL-ĠUBLEW TAL-ĦNIENA: Nafu biha?... Qegħdin nippreparaw biex ngħixuha?

Dan l-aħħar snin bħala nsara fi ħdan il-Knisja Kattolika konna mistednin minn diversi Papiet biex waqt li nipprattikaw il-fidi tagħna u ngħixu s-sena liturġika, niffukaw fuq diversi temi:

- Papa San Ġwanni Pawlu II - Sena tal-Ġublew il-Kbir tal-Inkarnazzjoni (2000)
- Papa Benedittu XVI - Sena Pawlina (2008-09)
- Papa Benedittu XVI - Sena tas-Saċerdoti (2009-10)
- Papa Benedittu XVI - Sena tal-Fidi (2012-13)
- Papa Franġisku - Sena tal-Ħajja Reliġjuża (2014-15)

**Il-Papa Franġisku jħabbar Sena Mqaddsa - Ġublew tal-Ħniena**




Biss dan l-aħħar, eżattament fit-13 ta' Marzu 2015 - it-tieni anniversarju mill-elezzjoni tiegħu bħala suċċessur ta' San Pietru - waqt ċelebrazzjoni penitenzjali fil-Bażilika ta' San Pietru, il-Papa Franġisku ħabbar li mit-Tlieta 8 ta' Diċembru 2015, solennità tal-Immakulata Kunċizzjoni, sal-Ħadd 20 ta' Novembru 2016, solennità ta' Kristu Sultan tal-ħolqien kollu, aħna l-insara ser niċċelebraw **Sena Mqaddsa straordinarja li tkun Ġublew tal-Ħniena**, ħalli nagħrfu aktar tagħha u niġġeddu fiha.

**Il-Bieb Qaddis - Passaġġ straordinarju fil-Mixja Spiritwali**

Ir-rit tal-bidu tas-Sena tal-Ġublew ikun jikkonsisti fil-ftuħ tal-*Porta Santa* li fi snin oħra dan jinżamm dejjem magħluq. Dan ir-rit jissimbolizza li matul din is-Sena tal-Ġublew, l-insara qed ikunu mogħtija passaġġ ieħor straordinarju fil-mixja spiritwali tagħhom. Biss ta' min jgħid li l-*Porta Santa* tinsab fl-erba' bażiliċi l-kbar ta' Ruma: dik ta' San Pietru fil-Vatikan, f'San Ġwann fil-Lateran, f'San Paolo fuori le mura, u f'Santa Maria Maggiore. Bl-inkuraġġiment tal-Papa, kull djoċesi ser ikollha bieb qaddis. U f'Malta ser ikollna dak tal-Katidral tal-Imdina, dak tal-Bażilika tal-Isla - fejn hu meqjum ir-Redentur, u dak tas-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna tal-Mellieħa.

*ikompli f'paġna 2*

**Il-Ħniena bħala tema prinċipali tal-Papa Franġisku u tal-Knisja li jixtieq**

Ta' min jinnota li għall-Papa Franġisku, il-ħniena hija t-tema li huwa kien għażel għalih bħala Isqof u li baqa' jżomm meta inħatar Papa. *"Miserando atque eligendo,"* kliem meħud minn omelija ta' San Beda li meta jikkumenta dwar l-passaġġ mill-Vanġelu dwar is-sejħa ta' San Mattew jikteb li Ġesù ħares lejn dan il-Publikan (allura meqjus midneb pubbliku) b'ħarsa ta' mħabba u għażlu waqt li qallu: *"Imxi warajja."* Barra dan il-Papa Franġisku baqa' jsemmi regolarment it-tema tal-ħniena fl-omeliji, diskorsi, u kitbiet tiegħu. Għaldaqstant, matul din is-sena, il-Papa jixtieq jurina bis-sħiħ li aħna msejjħin biex nagħrfu u nduqu l-ħniena reali li ġġib maħfra u fejqan, u tiftaħna għal dawk li huma esklużi u emarġinati. Il-ħniena mhijiex għażla għax, fi kliemu stess, *"il-veru kredibiltà [tal-knisja] għandha tidher fil-mod kif turi imħabba li tirrifletti ħniena u kompassjoni."* Hekk is-Sena tal-Ġublew trid tkun opportunità ta' approfondiment tal-fidi u biex il-ħajja nisranija tkun mgħejxa b'aktar xhieda awtentika. Ejjew nagħrfu x'opportunità u xi sfida għandna quddiemna!

**"Ħennu, bħalma hu ħanin Missierkom"**

Fl-Evanġelji, nisimgħu il-kliem u l-azzjonijiet ta' Ġesù: niltaqgħu ma' tant stejjer minn ħajtu li fihom wera kemm hu nklussiv, u li b'tant azzjonijiet minn tiegħu laqa', fejjaq, saħħaħ u qawwa lil min kien jenħtieġ. Hu hu l-mudell ta' Alla għalina. Għaldaqstant dan il-Ġublew tal-Ħniena jrid jinkuraġġixxi lill-Knisja biex tkun aktar inklussiva, aktar miftuħa, turi aktar kompassjoni u tkun aktar preżenti ma' min hu midneb, ma' min hu marid, ma' min hu fqir, sfruttat u emarġinat. Dan kollu jmur lil hinn mir-regoli u r-ritwali, u bħala dixxipli rridu naraw id-dinja bħalma jagħmel u jwettaq Kristu Ġesù nnifsu, hu li qalilna li l-Missier irid li aħna nkunu perfetti billi ngħixu l-ħniena: *"Ħennu, bħalma hu ħanin Missierkom."* (Lq 6:36) Dan ifisser li l-imħabba tagħna tant tikber u tissaħħaħ li quddiem id-djgħufija mhux nimxu bil-qjies jew saħansitra niħraxu, imma nirbħu u negħlbu kull ħażen b'għemejjel tajbin.

**L-Opri tal-Ħniena:**
**fejn il-Fidi tidher fil-prattika**

Fi kliem *il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika* (Nru 2447), l-għemejjel tal-ħniena huma għemejjel ta' mħabba li bihom aħna ngħinu l-proxxmu tagħna fil-ħtiġijiet materjali u spiritwali tiegħu (ara Is 58,6-7; Lh 13,3). Tgħallem, tagħti parir, tfarraġ, tqawwi l-qalb huma għemejjel ta' ħniena spiritwali bħalma huma l-maħfra u s-sabar bl-oħrajn. L-għemejjel tal-ħniena korporali huma l-aktar li titma' lil min hu bil-ġuħ, tipprovdi kenn għal min ma għandux dar, tlibbes lil min hu għeri, iżżur il-morda u dawk fil-ħabs, u tidfen il-mejtin (ara Mt 25,31-46). Fost dan l-għemil kollu, il-karità lill-foqra (ara Tob 4,5-11; Sir 17,22) hi xhieda mill-aqwa ta' l-imħabba għall-aħwa: hi wkoll att ta' ġustizzja li togħġob lil Alla. *Jekk Alla jrid, matul ix-xhur ta' din is-sena speċjali ser ikollna ċ-ċans nsiru aktar familjari ma' dawn l-opri tal-ħniena, anke permezz ta' riflessjonijiet fuqhom fuq dan l-istess fuljett.*

**Ejjew nitolbu,**
**napprezzaw u noffru Ħniena**

Quddiem dan kollu, bħala Kappillan, inħeġġiġkom biex niskopru kif dan il-programm ta' ħajja, li fl-aħħar mill-aħħar jagħtina u jsaħħaħna fl-identità nisranija, inkunu nistgħu nħalluh jispikka f'ħajjitna u nipproponuh lil dawk ta' madwarna bħala stil ta' ħajja li mhux biss irid ikun ammirat imma anke mħaddan minnhom. Jalla kull parruċċan jiskopri dejjem aktar din il-kwalità ta' mħabba u għożża biex jgħix, jaqdi u jitkellem aħjar bil-lingwaġġ ta' Alla nnifsu.

***Dun David Farrugia***





## IEQAF u AĦSEB

## Il-FERĦ u x-XWEJJAĦ GĦAREF



Xwejjaħ ta' 92 sena, qsajjar, imma b'dehra tajba, ser jidħol f'dar tal-anzjani illum. Martu ta' 80 sena mietet reċentement, u għaldaqstant uliedu ħeġġewh iħalli d-dar sabiex jidħol f'dar tal-anzjani biex ma jibqax waħdu imma jkollu aktar attenzjoni.

Wara ħin mhux ħażin ta' stennija fil-kamra tar-*reception*, infurmawh li l-kamra kienet lesta u seta' jidħol fiha.

Hu laqa' l-aħbar bi tbissima u beda miexi bil-mod lejn il-*lift*, itektek u jitwieżen fuq il-bastun li kellu f'idu.

"Għoġbitni tassew" qal lill-persuna li kienet qed takkumpanjah. Wiċċu kien tassew juri entużjamu partikulari; kien donnu tifel ta' 8 snin li għadu kif ġie mogħti rigal li tassew xtaq.

"Imma Sinjur, għadek lanqas biss dħalt fil-kamra u diġa persważ li għoġbitek?! Stenna ftit u daqt naslu!"

"U dak m'għandux x'jaqsam" wieġeb ix-xwejjaħ b'vuċi deċiża; "għax li nkun kuntent hija xi ħaġa li jien nagħżel minn qabel. Jekk il-kamra togħġobnix jew le, ma jiddependix mill-għamara jew minn kif tkun miżbugħa, imma jiddependi ħafna aktar mill-mod ta' kif jien niddeċiedi li nħares lejha."

"U bħalma jien iddeċidejt li l-kamra ser togħġobni, hekk kuljum niddeċiedi b'dan il-mod."

"Nista' nagħżel li noqgħod xi jum fis-sodda naħseb fuq id-diffikultajiet li għandi f'partijiet minn ġismi li m'għadhomx jaħdmu daqshekk tajjeb, jew inkella niddeċiedi li nqum u nirringrazzja lil Alla ta' dawk il-partijiet li għadhom jiffunzjonaw."

"Kull jum huwa rigal, u sakemm inkun għadni nista' niftaħ għajnejja, jien inħobb nikkonċentra fuq il-jum ġdid u fuq it-tifkiriet sbieħ li bnejt u ġemmajt matul ħajti."

*"Ix-Xjuħija inqabbila ma' kont bankarju:*
*Wieħed jiġbed minnha dak li jkun iddepożita matul it-triq ta' ħajtu.*
*Għalhekk il-parir tiegħi hu li wieħed jiddepożita l-hena u l-ferħ kollu li jista' fil-kont tat-tifkiriet tiegħu."*

**Ejjew niftakru dawn il-punti**
**biex tassew ikunu kuntenti,**
**anke fl-aħħar ta' ħajjitna:**

1. Neħilsu lil qalbna mill-għira u l-mibegħda
2. Neħilsu lil moħħna mill-inkwiet
3. Ngħixu bl-aktar mod sempliċi
4. Nagħtu aktar
5. Nistennew anqas